32007R0119

9.2.2007 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 37/3

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 119/2007

## tat-8 ta' Frar 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 493/2006 li jistabbilixxi miżuri tranżitorji fil-qafas tar-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor[1], u b'mod partikolari l-punt a) tal-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/2006[2] jistabbilixxi ċerti miżuri tranżitorji partikolari, li japplikaw għas-sena tal-ħsad 2006/2007, l-ewwel sena tal-ħsad li fiha saret l-implimentazzjoni tar-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor.

(2) Is-sitwazzjoni tas-suq Komunitarju għas-sena tal-ħsad 2006/2007 hija waħda li turi żbilanċ bejn is-suq taz-zokkor taħt il-kwota u s-suq taz-zokkor 'il barra mill-kwota. Filwaqt li hemm riskju li l-eċċess ta' zokkor taħt il-kwota jmur għall-agħar, hemm ċans li d-disponibilità ta' zokkor 'il barra mill-kwota li jintuża fl-industrija kimika ma jkunx biżżejjed matul it-tieni nofs tas-sena tas-suq 2006/2007, minħabba l-kwantitajiet prodotti, l-istokks u ż-żieda fit-talba għall-materja prima għall-fabbrikazzjoni tal-bijoetanol.

(3) Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti miżuri tranżitorji partikolari limitati għas-sena tas-suq 2006/2007, sabiex jerġa' jinkiseb il-bilanċ bejn is-suq taz-zokkor taħt il-kwota u s-suq taz-zokkor 'il barra mill-kwota u sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni, fis-settur tal-industrija kimika u farmaċewtika, bejn l-iskema l-antika ta' fornitura taz-zokkor prodott taħt il-kwota fis-seħħ matul is-sena tal-ħsad 2005/2006 u l-iskema l-ġdida,

---

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1585/2006 (ĠU L 294, 25.10.2006, p.19).

[2] ĠU L 89, 28.3.2006, p. 11. Ir-Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 1542/2006 (ĠU L 283, 14.10.2006, p. 34).

stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 318/2006, ta' fornitura taz-zokkor prodott 'il barra mill-kwota. L-implimentazzjoni tar-riforma tas-settur seħħet kompletament fl-aħħar tal-2006 biss u dan wassal għal inċertezza fis-settur li fixklet ħafna l-konklużjoni ta' kuntratti ta' fornitura għas-sena tal-ħsad 2006/2007. Fil-fatt, dan it-tip ta' kuntratt, fil-prattika, għandu jsir qabel ma jinżergħu l-pitravi, jiġifieri qabel ix-xahar ta' Marzu ta' qabel. Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jippermettu li jkun hemm aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-produzzjoni 'l barra mill-kwota u jassiguraw il-kunsinna ta' zokkor lill-industrija kimika bi prezz li jikkorrispondi għall-prezz dinji. Għandu jingħata permess lill-fabbrikant li jissostitwixxi l-kwantitajiet ta' zokkor industrijali b'zokkor prodott taħt il-kwota. Għaldaqstant, din il-possibbiltà għandha tingħata biss b'kundizzjoni li l-kontrolli supplimentari tal-kwantitajiet ikkunsinnati u li effettivament jintużaw mill-industija, isiru sewwa. Id-deċiżjoni li tingħata din il-possibbiltà għandha titħalla f'idejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(4) Id-dispożizzjonijiet dwar il-kunsinna u l-użu ta' zokkor industrijali tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 967/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-produzzjoni 'l barra mill-kwota fis-settur taz-zokkor[3] għandhom japplikaw għall-kwantitajiet ikkunsinnati fil-qafas tal-miżuri tranżitorji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(5) Għalhekk għandu jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 493/2006.

(6) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 3*a* li ġej huwa miżjud fir-Regolament (KE) Nru 493/2006:

*"Artikolu 3a*

*Użu ta' zokkor taħt il-kwota*

1. Għall-kunsinni ta' zokkor industrijali li għandhom isiru sat-30 ta' Settembru 2007 fil-qafas tal-kuntratti msemmijin fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 967/2006*, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jippermettu, b'talba tal-fabbrikant, li kwantità taz-zokkor li pproduċa taħt il-kwota, inkluż iz-zokkor irtirat skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, tiġi kkunsinnata minnflok iz-zokkor industrijali prodott 'il barra mill-kwota.

2. Il-kwantitajiet ta' zokkor ikkunsinnati b'konformità mal-paragrafu 1 huma ddikjarati bħala materja prima industrijali, kunsinnati lill-persuna li tieħu ħsieb l-ipproċessar kif stabbilit fil-punt a) tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 967/2006, għas-sena tas-suq 2007/2008.

[3] ĠU L 176, 30.6.2006, p.22.

3 Ir-rapporti msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 967/2006 jindikaw separatament il-kwantità kkunsinnata b'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

---

* ĠU L 176, 30.6.2006, p.22. "

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Ufficjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Frar 2007.

*Għall-Kummissjoni*
*Mariann FISCHER BOEL*
*Membru tal-Kummissjoni*